MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 3385/1996/1

Emanuel L. Micallef
Vs
Victor Camilleri, Editur tal-gurnal “Il-Mument” u Mario Schiavone, artikolist

Illum 11 ta’ Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ Dicembru 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut Victor Camilleri bhala editur tal-gurnal “Il-Mument” fil-harga ta’ l-istess gurnal tal-10 ta’ Novembru 1996 ippublika artikolu tal-konvenut l-iehor Mario Schiavone intestat “Kollox f’idejn Manwel” li bih taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Illi fl-artikolu msemmi gie allegat li l-attur jitratta lill-haddiema b'mod nieqes minn kull rispett uman, ma hallihomx jidhlu l-ufficju, holqilhom ansjeta' u weggahom bla bzonn, ivvendika ruhu u kliem u frazijiet simili;

Illi dawn l-insinwazzjonijiet u allegazzjonijiet ma humiex vertieri u kienu intizi biex jaghmlu hsara lill-istanti;

Illi konsegwentement l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa;

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat surreferit bl-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma li tigi determinata bhala danni u riparazzjoni tal-ingurji morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi l-attur mhux identifikabbli.

2. Il-verita' tal-fatti ghal dawk li huma fatti u "fair comment" ghal dawk li huma kummenti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru 1998 fejn gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Anthony Ellul sabiex jisma' x-xhieda ta' zewg ufficjali pubblici ndikati mill-attur;

Rat id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2000 fejn l-istess assistent gudizzjarju gie nkarigat biex jisma' l-provi tal-konvenuti;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Fil-harga ta’ l-10 ta’ Novembru 1996 tal-gazzetta “Il-Mument” gie ppubblikat artikolu intitolat “Kollox f’idejn Manwel” u li jirrigwarda *transfers* ta’ haddiema mill-Ministeru tat-Trasport wara l-elezzjoni ta’ dik is-sena. L-attur qieghed joggezzjona ghall-kontenut ta’ dan l-artikolu li jikkonsidra malafamanti fil-konfront tieghu.

Izda l-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza hija jekk effettivament l-attur huwiex identifikabbli b’mod li l-qarrej jifhem lejn min l-allegazzjonijiet maghmula fl-artikolu huma indirizzati.

*“Il-fatt li persuna ma tissemmiex b’isimha f’artikolu ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax tagixxi taht il-ligi ta’ l-istampa. Kemm-il darba mill-kontenut ta’ l-artikolu johrog car min kienet dik il-persuna, l-editur u l-istampatur tal-gurnal huma azzjonabbli u responsabbli ghad-danni kemm-il darba jirrizulta li nghatat malafama”* (**Vincent Borg vs Victor Camilleri et**, Vol. LXXVIII.ii.372).

Fil-kaz in ezami, il-pubbliku in generali seta’ ma kienx jaf min kien il-“Manwel” imsemmi fl-artikolu peress li la jissemma’ kunjomu u lanqas ma jissemma’ l-Ministeru partikolari fejn kien jahdem. Izda l-artikolist stess, il-konvenut Schiavone, kien jahdem mal-Ministeru tat-Trasport u fl-artikolu “Manwel” huwa deskritt bhala persuna li “anki taht Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista kien igawdi pozizzjoni gholja hafna”. Difatti fl-affidavit tieghu l-attur ighid li huwa kien Direttur tas-Servizzi Korporattivi u fix-xiehda tieghu l-istess artikolist il-konvenut Schiavone, filwaqt li jammetti li l-artikolu kitbu b’riferenza ghall-attur, ighid li sa fejn jaf hu fil-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjonijiet l-unika persuna bl-isem ta’ Manwel kien l-attur. Bizzejjed wiehed jirreferi ghax-xiehda ta’ Anthony Mangion moghtija fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 1999 quddiem l-assistent gudizzjarju, li kien jahdem

bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru msemmi, u li qal li kien qara l-artikolu in kwistjoni u fehem li dan kien qieghed jirreferi ghall-attur. M'hemm l-ebda dubju ghalhekk li, dato l-pozizzjoni li kellu l-attur fi hdan l-imsemmi Ministeru, huwa kien identifikabbli minn sezzjoni pjuttost wiesa' ta' nies, sew minn min kien jahdem fil-Ministeru u sew minn min ma kienx. *Multo magis* jekk, kif l-attur qal fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu (a fol. 4), u dan ma giex kontradett, f'harga sussegwenti ta' l-istess gurnal ta' l-24 ta' Novembru 1996 l-artikolist ikkonferma li kien qieghed jirreferi ghall-attur fl-artikolu fuq imsemmi.

Stabbilit li l-attur kien identifikabbli fl-artikolu in kwistjoni, irid issa jigi determinat jekk effettivament dak li ntqal fih kienx ta' natura malafamanti tali li joffendi l-unur u l-fama ta' l-attur u jesponieh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

F'dar-rigward il-konvenuti jghidu fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom li l-artikolu jikkonsisti f'fatti u kummenti u illi ghal dak li jirrigwarda fatti ser jaghmlu l-prova tal-verita` taghhom filwaqt li ghal dawk li huma kummenti dawn huma *fair comments* bazati fuq fatti sostanzjalment veri.

Fil-kawza ga` citata **Vincent Borg vs Victor Camilleri et**, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li *"r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-Istampa (Kap 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani. Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' espressjoni. Madanakollu, b'dana l-izvilupp essenzjali, l-istampa ma nghatax ebda passaport ta' immunita`, billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` ta' espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemma' l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas*

*mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi"*.

Sabiex wiehed jiddetermina jekk id-dritt li wiehed jipprotegi r-reputazzjoni tieghu giex mittiefes, wiehed irid ihares *oggettivament* lejn il-kitba *de quo* b'mod li wiehed jara x'fehem qarrej ta' intelligenza ordinarja hu u jaqra dak l-artikolu (**Dr. Tonio Azzopardi vs Dr. Alfred Sant et noe**, Qorti ta' l-Appell, 30 ta' Marzu 1998).

Fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Jannar 1996 intqal:

*"Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju … fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz jonqos il-professjonalizmu u l-istharrig serju u minflok jidher generalizmu ibbazat fuq allegazzjonijiet u ajdut li ma jirrispekkjawx il-fatti"*.

Dan il-principju gie wkoll ikkonfermat fis-sentenzi fl-ismijiet **Onor. Josef Bonnici vs Joe Chetcuti et** (Citaz. Nru. 1543/96/NA) deciza fis-26 ta' Marzu 1999 u **Rev. Mons. Dr. Joe Vella Gauci vs Ray Bugeja** (Citaz. Nru. 2763/96/NA) deciza fit-22 ta' Marzu 1999.

Konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ingurjuzi ghall-ahhar. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 1989 (Vol. LXXIII.ii.792) intqal:

*"Il-Qorti tikkomprendi l-bzonn li jkun hawn stampa hielsa u tifhem ukoll li notizzi ta' certu 'hoss' ma jistghux ma jixxandrux. Min-naha l-ohra, il-Qorti qatt ma kellha, u ma jistax ikollha, simpatija ma kitbiet li 'jhammgu' gravament*

*ir-reputazzjoni personali ta' bniedem … minghajr ma jkollu l-fatti riprodotti b'mod li jirrispekkjaw il-verita`"*.

Tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Gunju 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Segretarju Parlamentari Joseph Fenech vs Evarist Bartolo bhala editur tal-gazzetta Il-Helsien** fejn gie ritenut li allegazzjoni ta' fatt mhux necessarjament tinkiteb espressament u hija sufficjenti l-konkluzjoni li l-qarrej ordinarju jasal ghaliha minn dak li jigi insinwat fl-artikolu.

U fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Alfred sive Freddie Micallef vs Victor Camilleri** deciza fil-31 ta' Mejju 2002, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li ma jistax ikun hemm *fair comment* sakemm il-fatti kif imfissra fl-artikolu ma kinux sostanzjalment veri.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti li gew attribwiti lill-attur numru ta' allegati fatti li dwarhom il-konvenuti ma gabu l-ebda prova., kif ukoll saru diversi kummenti li mhux bazati fuq fatti li rrizultaw sostanzjalment veri.

Fl-artikolu in kwistjoni l-artikolist jibda biex jghid li "Manwel ta' dan l-artiklu hu wiehed li jahseb li minn gimgha 'l hawn hu sar ta' warajh" (ta' wara Alla) "u issa qed jara lil kulhadd dubbien". Ikompli jghid li "Kienu ghadhom lanqas inhatru l-Ministri tal-Gvern il-gdid, li Manwel ma dahalx il-Ministeru … li beda jara kif se jaghmel infern il-hajja ta' dawk il-haddiema li fi zmien l-amministrazzjoni precedenti kienu jahdmu fis-Segretarjat tal-Ministeru". Ighid li dan Manwel "haseb li jista' jaghmel li jrid u jittratta lill-haddiema b'mod nieqes minn kull rispett uman". Isostni fl-artikolu li l-imsemmi Manwel "Minghajr ma kellu direttivi minghand hadd biex jaghmel hekk, lil dawk kollha li ried jehles minnhom, ghall-ewwel ma hallihomx jidhlu fl-ufficcji li kellhom" u li "B'hekk beda joholqilhom ansjeta` bla bzonn. Imbaghad ingabru kollha f'ufficcju wiehed u beda jibghat ghalihom wiehed wiehed u wahda wahda. Atteggjament li jfakkrek fi zminijiet kiefra fejn in-nies kienu jintghazlu biex uhud minnhom ighixu u ohrajn jintbaghtu ghall-qatla!" Zied ighid fl-artikolu li meta "l-haddiem isib

ruhu quddiemu, Manwel jaghtih karta li kienet lesta minn qabel … u jibghathom min f'dipartiment u min f'iehor. U xejn ma jimpurtah jekk fid-Dipartiment fejn baghathom kienx hemm bzonnhom jew jekk almenu kienx hemm siggu fejn joqoghdu bil-qieghda biex jahdmu. U fil-fatt f'post minnhom lanqas siggijiet bizejjed ghan-nies li baghat ma kien hemm. Basta jivvendika ruhu. Ghalih dak kien importanti. Li jwegga' bla bzonn lil haddiema li qatt m'ghamlulu xejn".

Fix-xiehda tieghu l-konvenut Mario Schiavone qal li dak li kiteb ma kienx jafu personalment izda ghax sar jafu mill-persuni direttament involuti. Huwa kellem lil Henriette Sultana, Thomas Restall, Susan Spiteri Shaw, Barbara Buttigieg u Spiridione Buttigieg. F'dawn il-proceduri ttellghu jixhdu biss Susan Fenech (li l-Qorti jkollha tassumi hija l-imsemmija Susan Spiteri Shaw) u Thomas Restall.

Susan Fenech imkien ma ssemmi li kien l-attur li kien baghat ghaliha biex jinfurmaha bit-trasferiment taghha ghalkemm tilmenta li hi ma kenitx tifforma parti mis-segretarjat tal-Ministru izda kienet tifforma parti mill-istaff tal-Ministeru, u li xi jumejn wara li thabbar ir-rizultat ta' l-elezzjoni hi flimkien ma' l-impjegati tas-segretarjat gew ordnati sabiex imorru fir-Registru tal-Ministeru u jnehhu hwejjighom mill-ufficcju. Qalet ukoll li meta hi u Henriette Sultana rrapportaw fl-Ufficcju tal-Licenzji, gharfuhom li ma kellhomx la skrivanija u lanqas xoghol ghalihom.

Thomas Restall xehed li mal-bidla fil-Gvern, kien baghat ghalih l-attur u gharfu li kellu jerga' jibda jirrapporta d-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili. Qal li huwa kien diga` kellem lis-Segretarju Permanenti Anthony Mangion u esprima x-xewqa li ghax-xhur li kien ghad baqaghlu biex jirtira fil-fatt jintbaghat lura fid-Dipartiment. Sussegwentement kien Anthony Mangion li tah ordni biex jirrapporta l-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Minn din ix-xiehda ma jirrizulta xejn minn dak kollu li l-artikolu in kwistjoni addebita lill-attur, ma jirrizultax it-trattament tal-haddiema nieqes minn kull rispett uman, ma jirrizultawx atti vendikattivi da parte tieghu. U filwaqt li mix-

xiehda ta’ Susan Fenech imkien ma jissemma’ l-attur, mix-xiehda ta’ Thomas Restall jirrizulta li l-attur qallu biex jaghmel dak li xtaq l-istess Thomas Restall, cioe` li jmur lura fid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili.

Fl-affidavit tieghu l-attur cahad kategorikament li kien ta struzzjonijiet biex l-impjegati li kien hemm fil-Ministeru ma jidhlux fl-ufficini taghhom. Ghamel riferenza ghac-cirkolari mill-Ufficcju tal-Prim Ministru datata 28 ta’ Ottubru 1996 (a fol. 6) rigwardanti *transfers* ta’ impjegati tal-Gvern u liema cirkolari kien ighid, *inter alia*, li “Staff previously performing duties in the Private Secretariats of former Ministers and Parliamentary Secretaries should be deployed by the respective Permanent Secretary within the Departments of the Ministry. However, in the case of such staff whose substantive employment is with a parastatal or other public sector organisation, these should now revert back to their substantive employment”. Qal li l-istaff kellimhom Anthony Mangion hlief ghal xi tmienja li l-istess Mangion ordnalu jkellimhom hu peress li kienu bil-*leave*. Huwa hekk ghamel u minnhom hamsa talbuh huma stess biex jigu trasferiti u lit-tlieta l-ohra qalilhom li riedu jiccaqalqu fit-termini tac-cirkolari. Huwa minnu li Thomas Restall xehed li meta kelmu l-attur dan ma ghamillu l-ebda riferenza ghac-cirkolari msemmija, izda kif diga` gie sottolinejat jirrizulta mix-xiehda ta’ l-istess Thomas Restall li l-attur qallu li se jmur lura proprju fejn l-istess Restall xtaq imur. Li wara ntbaghat fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ma kellu x’jaqsam xejn l-attur.

Ghalhekk jirrizulta li fl-artikolu in kwistjoni gew attribwiti lill-attur numru ta’ allegati fatti li ma gewx ippruvati li kienu veri u saru numru ta’ kummenti li ghalhekk ma kinux bazati fuq fatti pruvati bhala sostanzjalment veri. Dawn l-allegati fatti u kummenti huma ta’ certa serjeta`, ma gew bl-ebda mod iggustifikati, u jattakkaw l-integrita` u r-reputazzjoni ta’ l-attur. Issib ghaldaqstant li l-artikolu in kwistjoni huwa malafamanti fil-konfront ta’ l-attur.

Id-danni a tenur tal-Ligi ta’ l-Istampa qeghdin jigu likwidati fis-somma ta’ sitt mitt liri Maltin (Lm600).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat sureferit bl-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu,
(2) tikkundannahom ihallsu lill-attur solidalment bejniethom id-danni likwidati ta' sitt mitt liri Maltin (Lm600) bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**